MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 472/2007

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri E D kjamat fil-kawza u, id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi nhar it-3 ta' Settembru 2007 twieled il-minuri E D skond l-Att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok KZ 1 dan wara relazzjoni extra maritali illi r-rikorrenti kellu ma' l-intimata C D.

Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata permezz ta’ ittra bonarja datata 11 ta’ Settembru 2007 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. KZ 2] u permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru 2007 kif mitlub skond l-artiklu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok KZ 3] debitament notifikata lill-intimata nhar l-20 ta’ Settembru 2007 sabiex tirraprezenta nota fejn tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet inadempjenti;

Illi l-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b’ Att tat-Twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 2829 tas-sena 2007 taht missier mhux maghruf;

Illi r-rikorrent ghandu interess illi jirrikonoxxi l-minuri bhala l-wild naturali tieghu;

Jghid ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghar-ragunijiet suesposti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri E D huwa iben naturali tar-rikorrenti A B billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita’ tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri E D numru ta’ iskrizzjoni 2829, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-att hemm referenza ghall-konnotati ta’ missier it-tarbija, il-kliem *unknown father* jigu sostitwiti bis-segwenti: A B, karta ta’ l-identita’ numru 604982M, imwieled Pieta’ u residenti Qormi iben Saviour B;

3. Tiffissa il-modalitajiet ta’ access li r-rikorrenti ghandu jkollu a favur tal-minuri Courtney [recte: E] u dana billi jkollu access regolat:

- Kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Erbgha mis-saghtejn ta’ filghodu sas-sitta ta’ filghaxija;
- Kull Sibt u Hadd alternattivament mill-ghaxra ta’ filghodu sas-sitta ta’ filghaxija;

- Meta l-minuri jaghlaq erba’ snin jibda jorqod mal-missier mill-Gimgha sas-Sibt jew / alternattivament mis-Sibt ghall-Hadd;
- F’ gheluq snin ir-rikorrent u cioe’ kull 28 ta’ Ottubru u kull Jum il-Missier mill-ghaxra ta’ filghodu sat-tmienja ta’ filghaxija;
- Nhar Jum il-Milied jew/ alternattivament Jum l-Ewwel tas-Sena mill-ghaxra ta’ filghodu sat-tmienja ta’ filghaxija;
- U f’ gheluq snin il-minuri u cioe’ kull 3 ta’ Settembru bejn is-saghtejn u s-sitta ta’ wara nofsinhar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru 2007 kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat is-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti fil-11 ta’ Frar 2009 li permezz taghha l-attur gie konfermat bhala l-missier naturali tal-minuri E B D, u l-partijiet gew riferuti ghal medjazzjoni rigwardanti t-tielet talba;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu l-partijiet informaw lill-Qorti li, rizultat tal-process tal-medjazzjoni, huma kienu wasslu fi ftehim dwar il-modalita’ ta’ l-access favur il-missier, u fejn il-partijiet talbu li dan il-ftehim jigi nkorporat f’ sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghat-tielet talba ta’ l-attur, li permezz taghha qed jitlob li din il-Qorti tiffissa l-modalita’ ta’ l-access tieghu kif minnu mitlub; u l-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjata li permezz taghha qeda titlob li tinghata l-kura u kustodja tal-minuri, u wkoll li l-attur, bhala l-missier naturali tat-tifel, jigi ordnat ihallas lill-attrici retta alimentarja bhala manteniment ghal ibnu.

**Il-Fatti**

Illi permezz tas-sentenza precitata l-attur gie konfermat bhala l-missier naturali u bijologiku tat-tifel E, illum B D, u per konsegwenza ghandu d-dritt li jikollu access adegwat ghall-istess tifel tieghu, kif ukoll l-obbligu li jhallas manteniment xieraq kemm-il darba t-tifel ma jkunx fil-kura u kustodja tieghu.

Illi rizultat tal-process tal-medjazzjoni l-partijiet lahqu ftehim dwar dawn il-vertenzi, u li kopja tieghu qeda tigi anness mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A].

Illi l-Qorti ezaminati dan il-ftehim u ma tara xejn censurabbli ghall-interessi tat-tifel minuri, u ghalhekk qed tapprova l-istess ftehim.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-tielet talba ta' l-azzjoni ta' l-attur, u dwar il-kontro talbiet tal-konvenuta, billi takkorda l-kura u kustodja tat-tifel minuri E B D lill-konvenuta ommu, bid-dritt ta' access favur l-attur, missieru; u tordna li l-modalita' ta' l-access favur il-missier u l-hlas lill-konvenuta da parti ta' l-attur bhala manteniment ghal minuri jkunu regolati kif indikati u stabbiliti fl-imsemmi ftehim [Appendici A], u li dak kollu pattwit b' dan il-ftehim ghandu jifforma parti integrali minn din il-parti dispozittiva tal-gudizzju, inkluza l-klawzola numru ghaxra [10].

L-ispejjez jkunu bla taxxa, izda dawk relatati mad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------